Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI**

# MILL-AVVENTURI TA' EMILJA
## Festa ta' lwien u nar tal-art

tm
Transport Malta

Emilja kienet bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, tħares lejn il-fjuri mlewna fil-ġnien tan-nanna Lina, waqt li fl-isfond tisma' l-għasafar jgħannu. In-nanna Lina ħallietha kemxejn bil-kurżità għax kienet taf li meta n-nanna tgħidilha li għandha "pjan" dejjem tkun idea ġenjali!

Fil-pront, hekk kif in-nanna daħlet bil-fardal tagħha mimli petali tal-fjuri, lissnet minn taħt l-ilsien dak li ridt nisma' jien!

"Illum se mmorru avventura speċjali oħra. Mhux biss ħa naraw spettaklu sabiħ u uniku imma se nivvjaġġaw bit-trasport pubbliku u nkomplu ngħinu lill-ambjent tagħna!"

Bi tbissima ħelwa fuq fommi, u b'ħaddejn jixegħlu ħomor peprin, minnufih staqsejt, "X'tip ta' spettaklu, nanna?"

Weġbitni mill-ewwel. "Se mmorru l-Belt Valletta biex naraw il-Festival Internazzjonali tan-Nar! U l-aħjar ħaġa taf x'inhi? Se mmorru bit-trasport pubbliku b'xejn, grazzi għas-servizz ta' Tallinja!"

Waqt li konna mexjin lejn il-waqfa n-nanna Lina spjegat kemm hu importanti li nużaw it-trasport pubbliku. "Kont taf, Emilja, li Tallinja żiedet aktar minn 400 vjaġġ ġdid kuljum, b'rotot ġodda u oħrajn aġġornati biex jagħmlu l-vjaġġi aktar effiċjenti? Issa nistgħu nivvjaġġaw aktar malajr u b'aktar għażliet, anke lejn żoni rurali jew dawk l-aktar imbegħda," kompliet tgħidli.

Hekk kif tlajna fuq il-karozza tal-linja sibna post ħelu ħdejn it-tieqa. Kienet ġurnata xemxija sabiħa, u kienet tinħass arja friska li tqanqallek xewqa li żżomm għajnejk miftuħin il-ħin kollu. In-nanna ħarġet il-mowbajl tagħha u fetħet l-app ta' Tallinja... u tafu x'rajt? L-app turik eżatt fejn waslet il-karozza tal-linja, kemm fadlilha biex tasal u anke rotot oħra li jistgħu jwassluna fl-istess lokalità.

"Din verament utli, nann!" għedtilha b'konvinzjoni waqt li hi tbissmet.

Jien, bħas-soltu, poġġejt ħdejn it-tieqa, b'ħarsti 'l barra, napprezza l-madwar. Kemm għandna pajjiż sabiħ! Rajt il-baħar jiddi fid-dawl tax-xemx u dgħajjes u vapuri ta' kull daqs jgħumu bil-mod. "Kemm hu sabiħ tivvjaġġa hekk!" stqarrejt b'għajnejja jixegħlu.

Meta wasalna l-Belt il-festa kienet diġà bdiet! Kien hemm tfal bħalna, ġenituri, nanniet u ħafna nies oħra, kulħadd ferħan se jtir, jistenna din il-wirja tan-nar. F'daqqa waħda... BUMM!

Dawl blu, aħmar, aħdar... Qishom l-istess fjuri tal-ġnien tan-nanna, fis-sema jinfetħu f'xita ta' kuluri mħallta flimkien! Ħassejtni qed noħlom! "Maġija mill-isbaħ, kemm huma bravi!" għajjatt minn qalbi b'leħen sod.

In-nanna Lina spjegat kif dan l-avveniment hu parti minn tradizzjoni importanti li tmur lura fiż-żmien, li tfakkar ix-xogħol u t-talent ta' ħafna nies, speċjalment dawk li jaħdmu f'dan il-qasam tant delikat u artistiku. "Dawn il-pirotekniċi jagħmlu xogħol ta' preċiżjoni kbira u passjoni, Emilja, u l-frott ta' din id-dedikazzjoni qed narawh quddiem għajnejna u fuq kollox napprezzawh," qalet in-nanna Lina b'ħarsa ta' rispett kbir.

Lura d-dar bdejt nirrifletti. "Tgħallimt immensament illum. Mhux biss rajt spettaklu sabiħ imma wkoll issa naf li nista' nivvjaġġa b'mod aktar intelliġenti u b'mezz li jħares l-ambjent."

In-nanna Lina tbissmet u għamlet sinjal ta' approvazzjoni. "Meta nagħżlu l-mobbiltà sostenibbli nkunu qed nagħmlu differenza żgħira li twassal għal bidla ħafna akbar u ta' valur. U bħal-lum inkunu wkoll qed nieħdu gost!"

U tafu x'tgħallimt minn din l-avventura? Li l-karozza tal-linja mhux biss tagħmilha aktar faċli biex naslu fejn irridu iżda tgħinna nieħdu ħsieb l-ambjent tagħna wkoll. Barra minn hekk nistgħu ngawdu l-ġmiel tal-pajjiż tant sabiħ tagħna. Issa kull darba li nara karozza tal-linja għaddejja niftakar f'dik il-lejla tal-Festival tan-Nar u nifraħ li għażilt li nivvjaġġa b'mod intelliġenti. U forsi l-vjaġġ li jmiss nagħmluh flimkien!



